

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' April 2009

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed fisem il-Komunità fi ħdan il-Kumitat għall-Għajjnuna Alimentari fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Għajjnuna Alimentari tal-1999

(2009/353/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 181 flimkien mal-Artikolu 300(2), it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Għajjnuna Alimentari tal-1999 (minn hawn 'il quddiem: il-"Konvenzjoni") kienet konkluża fisem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/421/KE ⁽¹⁾ u estiża bid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għall-Għajjnuna Alimentari f'Ġunju 2003, Ġunju 2005, Ġunju 2007 u Ġunju 2008, li bis-saħħa tagħhom kellha tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2009.

(2) L-estensjoni ulterjuri b'perjodu ta' sena għall-Konvenzjoni hi fl-interess kemm tal-Komunità kif ukoll tal-Istati Membri tagħha. Skont l-Artikolu XXV(b) tal-Konvenzjoni, dik l-estensjoni hija subordinata għall-fatt li tibqa' fis-seħħ, għat-tul tal-istess perjodu, il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ⁽²⁾. Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2009, filwaqt li estensjoni oħra se tiġi

deċiża fil-laqgħa tal-Kunsill Internazzjonali dwar iċ-Ċereali f'Ġunju 2009. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat għall-Għajjnuna Alimentari, għandha għalhekk tiġi awtorizzata b'Deċiżjoni tal-Kunsill li tivvota favur din l-estensjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat għall-Għajjnuna Alimentari għandha tkun vot favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Għajjnuna Alimentari tal-1999 għal perjodu ta' sena, bil-kondizzjoni li l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 tibqa' fis-seħħ matul l-istess perjodu, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2010.

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tesprimi din il-pożizzjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Għajjnuna Alimentari.

Magħmul fil-Lussemburgu, 27 ta' April 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VONDRA

⁽¹⁾ ĠU L 163, 4.7.2000, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 21, 27.1.1996, p.49.